IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 47-2018(06_03_18)**

**6 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

47.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba mard.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 45-2018(23_01_18) u 46-2018(13_02_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

47.3.1 Is-Sur Robert Mallia, Viċi Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sur Frank Cassar - Uffiċjal Inkarigat mill-Uffiċċju tal-Kultura dwar serata kommemorattiva f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina li ser issir fit-13 t'April 2018 fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jikkontribwixxi finanzjarjament għal parti mill-ispejjeż. F'din il-laqgħa ġie diskuss ukoll dwar il-kalendarju ta' attivitajiet 2018 u anke dwar il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina fejn is-Sur Cassar issuġġerixxa li jsir bust minflok *life-size*.

Fil-ġranet li għaddew għalqet l-offerta sabiex jitranġaw ix-*Shelters* tal-Pjazza tal-Knisja.

Fit-talba li saret lill-Ministru għal Għawdex sabiex issir laqgħa, il-Ministru wriet ix-xewqa li ssir mal-membri tal-Kunsill kollu u inkluż iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi isem lil dik it-triq bla isem fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Li l-Kunsill qed jitlob li tingħata l-isem ma jfissirx li din it-triq ser tiġi pubblika u dan hekk kif hemm stabbilit fil-linji gwida għat-tismija ta' triq fejn hemm imniżżel hekk: 'Il-Kumitat ikun lest li jikkunsidra proposti biex jingħata isem lil triq privata, madanakollu l-i*status* tagħha jibqa' dikjarat bħala tali, jiġifieri Triq Privata'.
Is-Sur Paul Curmi ssuġġerixxa li l-isem għandu jkun Triq il-Feniċi. Kien hemm qbil dwar dan.

**47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

47.4.1 Is-Sur Damien Spiteri fakkar dwar xogħlijiet pendenti fosthom il-problema fejn hemm bankina għolja u ser togħla t-triq, ċint fil-passaġġ f'Tal-Ponta u kisi ta' parti ta' Triq iż-Żirżieb. Il-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-perit.

Huwa informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn sid li qed jibni proprjetà fi Triq Sant'Anjeże fi Triq Ta' Rinota. Peress li l-livelli jridu jitbaxxew, huwa qed jibni taħt ir-riħ bil-konsegwenza li jekk tagħmel ix-xita huwa jegħreq. Huwa qed jitlob sabiex il-Gvern Ċentrali għalissa jifforma t-triq. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Ministru għal Għawdex u din il-materja tissemma fil-laqgħa li ser issir mal-Ministru u l-wiċċ jingħata aktar 'il quddiem meta jitla' aktar bini.

Is-Sur Damien Spiteri informa lill-Kunsill li għandu informazzjoni li l-impjant tad-demmiela qed jopera fuq skala żgħira.
Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

Is-Sur Damien Spiteri semma li qed jinnota li qed isir ħafna tiswija fuq il-*bollards* li hemm fil-Pjazza tal-Knisja minħabba li dawn qegħdin jitkissru spiss. Huwa ssuġġerixxa li titwessa' l-parti tat-triq minn fejn jgħaddu l-vetturi.
Ma kienx hemm qbil dwar dan.

47.4.2 Is-Sur Paul Curmi qabel mal-punt imqajjem mis-Sur Damien Spiteri f'dak li jirrigwarda d-demmiela.

**47.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dawn l-aħħar tliet darbiet qed ikun ordnat *warden* għal waqt il-ħinijiet tad-duttrina u ftit qabel is-servizz, il-Kunsill jiġi infurmat li ma għandhomx *warden* għal dak is-servizz.
Ġie deċiż li meta jiġri hekk, il-Kunsill iqabbad privat u tinkiteb *e-mail* sabiex nilmentaw dwar din is-sitwazzjoni.

47.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ħadd ma tefa' offerta għal-lanterni ġodda għax-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa li terġa' tinħareġ is-sejħa għal xiri biss u t-twaħħil tagħhom isir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex għaliex bħalissa huma qed jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sinjorina Sonja Abela tkellem lill-Inġinier Jeffrey Muscat. Hija staqsiet jekk il-kunsilliera jridux u wara li ħadd ma wieġeb, hija ħarġet mil-laqgħa. Il-ħin kien 6.30 ta' filgħaxija.

47.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li jrid jitwaqqaf *adjudication board* għall-offerti li ħareġ il-Kunsill.
Kien hemm qbil dwar il-membri maħtura.

**47.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

47.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 2/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Ħatra ta' Direttur ġdid fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali'.

47.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 3/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2017'.

47.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 4/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Migrazzjoni minn https://lc.gov.mt għal https://mylocality.gov.mt'.

47.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/2/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Il-Lok, l-Aċċessibilità u Taħriġ dwar l-*Automated External Defribrillators* (AEDs)'.

47.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 3, tal-11 ta' Diċembru 2017.

47.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 4, tas-16 ta' Jannar 2018.

47.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/009 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa tas-Sindki, 24 ta' Marzu 2018'. Il-Kunsill irċieva wkoll l-Aġenda ta' din il-laqgħa li ser issir fid-Dolmen Hotel - Buġibba, dokument dwar Sindki u Presidenti Reġjonali (Diskussjoni dwar kif għandhom jiġu eletti, l-irwol u għarfien tal-kariga) u ittra mingħand il-President ta' din l-Assoċjazzjoni rigward xogħol li għaddej bħalissa, MEUSAC u *Playing Fields.*

47.6.8 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-71 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-15 ta' Frar 2018 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 70/2017 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

47.6.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima dwar il-kampanja 'Don't Waste Waste'. Huma talbu s-sapport tal-Kunsill u talbu sabiex il-Kunsill iwaħħal *posters* f'post prominenti.

47.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex fejn qed iwassal kopji tal-ittri li ntbagħtu minn dan ir-Reġjun kif maqbul fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-15 ta' Frar 2018. Dawn kienu: ittra lill-Ministru għal Għawdex dwar 'Proġett Għawdex – Iktar Toroq fil-Lokalità Tiegħek – 2018'; ittra lill-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, lill-Ministru għal Għawdex u lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali kif ukoll ikkupjati lill-Wasteserv u lid-Direttur għall-Gvern Lokali rigward il-ġbir ta' skart riċiklat u ittra lid-Direttur - Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar 'Ċirkulari Numru 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund 2018 – 2020'.

47.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali rigward il-Proġett Miżura 313: 377/36226/2010 – 'Conservation of Munxar and the promotion of rural and cultural tourism'. Il-Kunsill ġie infurmat li waqt spezzjoni li saret minnhom fl-24 ta' Novembru 2017 ġie nnutat li hemm xi plakek tal-*Heritage Trail* li kienu mkissra jew maqlugħa. Hija qiegħda titlob li tkun infurmata bi żmien stipulat min-naħa tal-Kunsill meta dawn ikunu msewwija u mwaħħla mill-ġdid u f'każ li dan ma jkunx rispettat għandha kull dritt li tapplika penali. Il-Kunsill ġie mfakkar ukoll li huwa fid-dover li jżomm inventarju tal-oġġetti inkorporati f'dan il-proġett.
Il-Kunsill ser jieħu passi dwar dan.

47.6.12 Il-Kunsill irċieva ritratti ta' skart li qed jitpoġġa ħdejn il-*bin* tal-ħwejjeġ u ħdejn il-*bins* tar-ristoranti li hemm fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi.
Il-gwardjani lokali ġew ordnati jissorveljaw din l-*area* aktar ta' spiss.

47.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fix-Xlendi fejn bagħat ritratti ta' żibel li qed jitpoġġa fi Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi. Hija qed tallega li l-iskart qed jitpoġġa mill-ħaddiema tas-*supermarket* li hemm fil-viċinanzi.
Is-Segretarju Eżekuttiv diġà kellem lis-sid tas-*supermarket.*

47.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi fejn qed titlob li tiżdied bozza f'din it-triq peress li bejn bozza u oħra hemm id-dlamm.
Il-Kunsill ser jirreferi din it-talba lill-Inġinier sabiex issir bozza oħra.

47.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett WiFi4EU. L-iskop ta' dan il-proġett huwa li jitwassal il-*Wifi* f'postijiet daqsxejn rimoti.
Dan il-proġett ma jistax jiġi applikat mill-Kunsill, għaliex diġà hemm dan is-servizz.

47.6.16 Il-Kunsill irċieva żewġ ritratti mingħand il-Kunsillier Paul Curmi fejn wieħed huwa dwar siġra li kibret ħafna u ħarġet għat-triq fi Triq il-Kavallieri u l-ieħor dwar għadira ilma li tifforma fuq wiċċ it-triq wara li tagħmel ix-xita fi triq bla isem fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi.
Rigward is-siġra, il-Kunsill ser jikteb ittra lill-Pulizija u lis-*Civil Protection* minħabba li jista' jkun hemm il-periklu filwaqt li rigward wiċċ it-triq ġie deċiż li peress li mhux ċar jekk din it-triq hijiex pubblika jew privata l-Kunsill ma jmissiex.

47.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u ritratt mingħand resident fix-Xlendi li kien preżenti waqt il-Laqgħa tal-Kunsill 45-2018(23_01_18) u anke kien bagħat ilment rigward il-wiċċ tat-triq li għandu bżonn kisja u jingħata isem lil din it-triq li tinsab bejn Triq il-Kavallieri u Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Filwaqt li reġa' tenna l-ilmenti tiegħu, irringrazzja lill-Kunsill għall-progress li qed isir fir-rigward ta' dawn l-*issues* imsemmija. Il-Kunsill ser jikkonsulta mal-perit.
Dan l-ilment ser jissemma fil-laqgħa li ser issir mal-Ministru għal Għawdex.

47.6.18 Il-Kunsill irċieva żewġ ittri mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-Green MT, waħda dwar 'Terminu ta' Ftehim' fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-Iskema Green MT mhux ser tipprovdi s-servizzi ta' ġbir ta' skart riċiklabbli b'effett mill-1 ta' Marzu 2018 u l-oħra dwar 'Deċiżjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi'. L-ERA iddeċidiet u l-Kunsill ġie allokat lill-Iskema Green MT. L-Iskema Green MT ser tappella iżda sakemm jinstema u jiġi deċiż l-appell l-Iskema Green MT ser tagħmel biss il-ġbir tal-borża l-griża bieb bieb u l-provvediment ta' *bring-in-site*. Kull provvediment ieħor mhux ser iseħħ iżda l-Kunsill jista' jitlob kwotazzjoni jew joħroġ sejħa pubblika għal dawn is-servizzi jew xiri ta' prodotti.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

47.6.19 Il-Kunsill irċieva mingħand kumpanija li tiġbor l-iskart riċiklabbli mill-*bring-in-sites*. Il-Kunsill ġie infurmat bis-servizzi u r-rati offruti minn din il-kumpanija.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

47.6.20 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta (TM) rigward it-talba tal-Kunsill għal tabelli *30km/Hr Speed Limit* fi Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar fejn il-Kunsill ġie infurmat li t-TM ma ssib l-ebda oġġezzjoni li dawn isiru, dejjem skont il-provvedimenti imposti minnha.
Is-sinjali diġà saru filwaqt li t-tabelli ġew ordnati.

47.6.21 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isiru *double yellow lines* quddiem garaxx minħabba li ġol-*flat* hemm bniedem b'diżabilità u li juża *scooter*. Dan il-bniedem jgħix waħdu u dejjem isib il-karozzi pparkjati hemmhekk.
Il-Kunsill ser iressaq din it-talba lil Transport Malta.

47.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* inkluż ritratti mingħand residenta fi Triq il-Kavallieri dwar *wires* imdendlin 'l isfel li hemm f'din it-triq. Hija qiegħda titlob lill-Kunsill sabiex jinforma lil min hu responsabbli minnhom sabiex jirranġahom minħabba li jagħtu dehra kerha.
Il-Kunsill qed jipprova jidentifika dawn il-*wires* lil min jappartjenu; jekk hux dawl, *telephone* jew Melita.

47.6.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur eco-Gozo Regional Development Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-proposta tiegħu sabiex jingħata fondi għall-proġett ta' restawr tax-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja taħt l-iskema 'Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2017' ma huwiex eliġibbli minħabba li x-xogħol ser isir fuq ġewwa u l-post jinsab taħt l-art.
Il-Kunsill ser jikteb lid-Direttur, ecoGozo Regional Development Directorate kif ukoll lill-Ministru għal Għawdex sabiex noġġezzjonaw dwar id-deċiżjoni li ttieħdet dwar il-proġett ippreparat mill-Kunsill tal-Munxar. L-oġġezzjoni qiegħda ssir minħabba li l-maġġoranza tax-xogħol propost ser ikun fuq wiċċ it-triq, proprja fil-pjazza ewlenija tal-lokalità.

47.6.24 Il-Kunsill irċieva ritratti dwar bankina perikoluża li tinsab fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi. Din il-bankina hija mkissra u għandha parti minnha bla ċint fejn jinħoloq periklu li wieħed jaqa' minn ħafna għoli.
Il-Kunsill ser jikteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Pulizija.

47.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Development Planning Fund tal-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-bilanċ ta' fondi għall-proġetti, approvati mill-Kumitat u ġie ffirmat kuntratt, huwa ta' €171,169.66, fejn dak għall-Munxar huwa €50,447.39 u għax-Xlendi huwa €120,722.27.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

47.6.26 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet lill-avukat tal-Kunsill rigward il-proġett ta' proċessar ta' demel tal-bhejjem fil-Munxar. L-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tinforma li wara investigazzjonijiet li saru mid-Direttorat tal-Infurzar jirriżulta li l-Awtorità rċeviet din it-talba u azzjoni ulterjuri mid-Direttorat tal-Infurzar tkun tistà tittieħed biss la darba l-applikazzjoni tiġi deċiża. Sadanittant, dan il-każ huwa meqjus bħala magħluq.
Il-Kunsill ser iressaq dan il-każ fil-laqgħa li ser issir mal-Ministru għal Għawdex.

47.6.27 Il-Kunsill irċieva żewġ talbiet għall-kostruzzjoni ta' bankina fejn waħda tinsab fi Triq Żgħawri u l-oħra tinsab fi Triq Sant'Anjeże fi Triq Ta' Rinota, Il-Munxar.
Dawn il-bankini ġew approvati. Peress li huma bankini ġodda ser issir talba lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

47.6.28 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ċirkulari li l-Malta Tourism Authority bagħtet lill-istabbilimenti tal-ikel tax-Xlendi. F'din iċ-ċirkulari ġew elenkati l-obbligazzjonijiet tagħhom skont il-liġi f'dak li jirrigwarda l-is*will*.

47.6.29 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed iwasslu għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni li rċivew għall-Planning Control - Zoning fi Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Il-proposta hija '*change of zoning from site coverage 40% to terraced dwellings area'*.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**47.7 In-nuqqas ta' attendenza tas-Sindku għal-laqgħat tal-Kunsill**

47.7.1 L-aħħar laqgħa li mexxiet is-Sindku, Carmen Said, kienet dik li saret fis-17 ta' Awwissu 2017. Fil-5 ta' Settembru 2017, is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat mill-familjari tas-Sindku li kienet iddaħħlet l-isptar dwar problema f'saħħitha. Wara xi ġranet intbagħtet id-dar sabiex tirkupra lura saħħitha. Sal-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2017, is-Segretarju Eżekuttiv kien imur id-dar tagħha sabiex tiffirmalu ċ-*cheques* wara li dawn ikunu ġew approvati mil-laqgħat tal-Kunsill.

Fit-28 ta' Diċembru 2017, is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat mir-raġel tas-Sindku li bħalissa ma hijiex f'pożizzjoni li tiffirma ċ-*cheques* u huwa dlonk ħa l-passi neċessarji sabiex il-pagamenti jiġu ffirmati mill-Viċi Sindku.

Din hija l-attendenza tas-Sindku, Carmen Said, wara l-laqgħa tas-17 ta' Awwissu 2017:
<u>Settembru 2017</u>
27 ta' Settembru 2017 - Laqgħa numru 36-2017(27_09_17) – Din il-laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Ottubru 2017</u>
26 ta' Ottubru 2017 - Laqgħa numru 37-2017(26_10_17) – Din il-laqgħa saret iżda kellha titwaqqaf minħabba nuqqas ta' *quorum*.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Novembru 2017</u>
2 ta' Novembru 2017 - Laqgħa numru 38-2017(02_11_17) – Din il-laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
6 ta' Novembru 2017 - Laqgħa numru 39-2017(06_11_17) – Din il-laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
10 ta' Novembru 2017 - Laqgħa numru 40-2017(10_11_17) – Din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 37-2017(26_10_17) li saret fis-26 ta' Ottubru 2017.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Diċembru 2017</u>
27 ta' Diċembru 2017 - Laqgħa numru 41-2017(27_12_17) – Din il-laqgħa saret.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Jannar 2018</u>
4 ta' Jannar 2018 – Laqgħa Pubblika Annwali LPA/01/2018 - Din il-laqgħa saret.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
4 ta' Jannar 2018 - Laqgħa numru 42-2018(04_01_18) – Din kienet laqgħa b'urġenza sabiex issir kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 42-2018(04_01_18).
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
4 ta' Jannar 2018 - Laqgħa numru 43-2018(04_01_18) – Din kienet laqgħa b'urġenza sabiex issir l-approvazzjoni sabiex il-Viċi Sindku jiffirma ċ-*cheques*.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
11 ta' Jannar 2018 - Laqgħa numru 44-2018(11_01_18) – Din kienet laqgħa b'urġenza dwar il-Karnival fil-Munxar 2018.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
23 ta' Jannar 2018 - Laqgħa numru 45-2018(23_01_18) – Din il-laqgħa saret.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Frar 2018</u>
13 ta' Frar 2018 - Laqgħa numru 46-2018(13_02_18) – Din kienet laqgħa b'urġenza sabiex issir l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2017.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.
<u>Marzu 2018</u>
6 ta' Marzu 2018 - Laqgħa numru 47-2018(06_03_18) – Din il-laqgħa saret.
Is-Sindku, Carmen Said, kienet skużata minħabba mard.

Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali b'kopja lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet, Direttur Responsabbli għall-Kunsilli Lokali - Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) u lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**47.8 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* Jannar-Diċembru 2017 (l-aħħar kwart)**

47.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tal-aħħar kwart Jannar/Diċembru tas-sena finanzjarja 2017.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**47.9 Ħatra ta' sostitut tar-rappreżentant fir-Reġjun t'Għawdex**

47.9.1 Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku ġie maħtur Rappreżentant u s-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier ġiet maħtura Sostitut fil-Kumitat Reġjonali Għawdex għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.
Ġie deċiż li tinkiteb ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex sabiex ninfurmawh b'dan.

**47.10 Ħlas ta' *Patching* li sar mill-Kunsill**

47.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-bidu ta' din il-leġislatura kien sar kejl ta' *patching* li kien sar fl-aħħar xahar tal-leġislatura l-oħra. Il-kejl sar mill-Perit Clint Camilleri u sal-lum huwa għadu ma għamilx il-kontijiet skont il-kejl li kien sar.
Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-perit dwar dan.

Fis-sajf tas-sena 2016 sar ftit *patching* bil-*hot asphalt* fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Il-Perit Clint Camilleri kien ta struzzjonijiet lill-Kuntrattur P&J Debono Cons Ltd u ntalbet stima iżda l-perit għadu ma bagħatx il-kont skont il-kejl li sar. Ġie deċiż li dan ix-xogħol jiġi mkejjel bil-Perit Robert Grech.

**47.11 L-Attività *Gozo Alive* 19-5-18**

47.11.1 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward l-attività 'Gozo Alive' fil-*weekend* tad-19 ta' Mejju 2018 fejn il-Kunsill intalab sabiex sat-23 ta' Frar 2018, iressaq proposti ta' attivitajiet li jixtieq jorganizza u jkunu inklużi fil-programm. Is-Segretarju Eżekuttiv talab estenzjoni sal-għada tal-laqgħa tal-Kunsill (7 ta' Marzu 2018).
Ġie deċiż li l-Kunsill iressaq il-proposta tiegħu bit-tema 'Festa ta' Tfal' fid-19 ta' Mejju 2018 mill-10 ta' filgħodu sas-1 ta' waranofsinhar. Ser ikun hemm:
Purċissjoni madwar it-toroq tar-raħal bi statwa żgħira ta' San Pawl merfugħa mit-tfal;
Tberik tal-annimali mal-wasla tal-purċissjoni fil-pjazza;
Logħob tan-nar minn fuq il-bjut;
Armar tal-pjazza ġimgħa qabel il-festa titulari;
Nies mir-raħal jipprattikaw is-snajja tradizzjonali fuq *stands* apposta;
*Car show*; u
Nies jallegraw il-purċissjoni tat-tfal jew il-pjazza ewlenija b'mużika ferriħija. Jista' jkun mużika tradizzjonali jew tip ta' banda żgħira.
Il-Kunsill kien ser jitlob tliet stimi għal din l-attività.

**47.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

47.12.1 L-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi saret fil-21 ta' Frar 2018, fil-5.30 ta' filgħaxija u saret b'żewġ membri wara li l-laqgħa ssejħet għat-tielet darba. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba li ma setgħetx tattendi.
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha *lecture* fl-Università.

Is-Sindku hija indisposta.

Iċ-*Chairperson* semma dwar il-*bins* tal-*bring-in-site* li hemm fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori minħabba li xi ftit ta' żmien ilu dawn inħarqu minn persuna/i mhux magħrufa.

Is-Sur Saviour Xiberras ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat dwar il-moll tax-Xlendi minħabba li għandu bżonn jitranġa.
Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb diversi drabi u fl-aħħar ittra l-Ministru għal Għawdex wieġbet li ser ikun irranġat skont il-*Master Plan* tax-Xlendi.

Il-Viċi Sindku rrefera għall-*bring-in-site* u l-ħmieġ tax-Xlendi. Issa għandna informazzjoni li l-*bin* tal-ħwejjeġ tneħħa.

Il-Viċi Sindku rrefera għal-laqgħa li ser issir mal-Ministru għal Għawdex u għal-laqgħa li diġà saret mas-Sur Frank Cassar li huwa l-Uffiċjal Inkarigat il-ġdid tal-Uffiċċju tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibbiltà ta' għajnuna mill-Uffiċċju tal-Kultura għall-attivitajiet li jsiru fis-sajf fix-Xlendi.

Il-Viċi Sindku rrefera għal-laqgħa li saret mad-Direttur Eco-Gozo fejn ġie diskuss il-proċess li huwa għaddej dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

L-ilmenti li jirrigwardaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kumitat ġie infurmat li ser jingħata s-somma ta' €4,000 mill-iskema Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund 2018-2020 (Ċirkulari Numru 9/2017 – It-Tieni Sejħa). Is-sena l-oħra konna ngħatajna s-somma ta' €6,000 u għaldaqstant il-Kumitat ser jitlob għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiffinanzja attivitajiet u l-Fjakkolata. Din il-materja hija inkluża fl-Aġenda tal-laqgħa li ser issir mal-Ministru għal Għawdex.

It-tliet offerti ser jagħlqu fis-26 ta' Frar 2018. Dawn huma:

- Tender Ref: MXR/002/2018 **–** Tender for the supply, delivery and installation of decorative luminaires to fit onto existing lamp posts, replacement of damaged lamp posts and replacement of existing wall mounted luminaires, Ix-Xlendi Gozo;
- Tender Ref: MXR/003/2018 **–** Tender for road maintenance with hot or cold asphalt and related paving works for the Il-Munxar Local Council;
- Tender Ref: MXR/004/2018 **–** Works Tender for the restoration and rennovation of an underground shelter located in Il-Munxar, Gozo.

Is-sejħa għall-kwotazzjonijiet Quotation Ref: MXR/005/2018 **–** Quotation for the supply and maintenance of trees and seasonal plants in pots ser tagħlaq fis-7 ta' Marzu 2018.

Bħalissa ma humiex isiru xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi mill-Kumitat.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.02 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

**47.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

47.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 47-2018(06_03_18) li tkopri l-perjodu mid-19 ta' Jannar 2018 sal-5 ta' Marzu 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni.
Il-Proponent kien is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**47.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

47.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' April 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' April, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |